# Fdal ta' Hrafa taż-Żminijiet tan-Nofs f'Malta

Dr. Ġovanni Cremona, B.A., D.Litt. (Ruma).

Fl-inħawi ta' Ħaż-Żebbuġ, żmien ilu, smajt din il-għanja, li hawn taħt inġib kelma b'kelma:

Ommi tiegħi, meta mmutlek
iżragħni ġo qasrija;
u, kull darba li ssaqqini,
għidli xi Ave Marija.

Hawn ma rridx ngħarbel xi kliem ta' din il-għanja għarrashom, iżda rrid nifli l-ħsieb tagħha fil-wisa', għaliex bla biża' ta' xejn nista' ngħid illi min jifli sewwa din il-għanja u jaf xi ftit tal-letteratura taljana u dik ewropea, ma jdumx ma jintebaħ b'xi xebh bejn din il-għanja (il-ħsieb tagħha fil-wisa') u waħda mill-ħafna ħrejjef taż-Żminijiet tan-Nofs, li għassbuħija tagħha ġiet kemm-il darba mfakkra bil-miktub.

Ix-xebh ta' bejn il-għanja tagħna u l-ħrafa li semmejna fittifsiriet artistiċi tagħha u xi tgħarbil ieħor nagħmluhom fl-aħħar. Għalissa naħseb li hu xieraq li nibda billi nsemmi l-ħrafa u fejn insibu li dehret l-ewwel darba bil-miktub.

Giovanni Boccaccio (1313-1375), li ma' Dante u Petrarca jgħaqqad it-Trijumvirat il-kbir tal-Letteratura Taljana tas-seklu erbatax, fil-ktieb tiegħu, id-"Decamerone" (li hu mqassam fi ġranet u kull ġurnata f'novelli), fil-ħames novella tar-raba' ġurnata jgħarrafna fuq xebba sqallija jisimha Isabetta (jew ukoll Lisabetta) minn Messina, li kellha tliet aħwa jinneguzjaw u li magħhom kienu jżommu żagħżugħ biex iżommilhom il-kotba. Billi dan iż-żagħżugħ kien sbejjaħ u billi Isabetta kienet ta' sikwit tiltaqa' miegħu, ġara li hi saret tħobbu u hu nesa lil kulħadd imħabba fiha. L-imħabba ta' bejniethom bdiet tixgħel dejjem iżjed u ħut Isabetta ma kinux għadhom intebħu biha sa dik il-lejla illi ħuha l-kbir kien lemaħha sejra lejn il-kamra tal-maħbub tagħha li kien jismu Lorenzo. Iżda ħuha l-kbir ma kien semmielha xejn fuq hekk u, billi hi ma kenitx indunat bih, kollox baqa' sejjer bħal qabel sakemm hu ftiehem ma' ħutu l-oħra li jeħles minn Lorenzo darba għal dejjem. Għalhekk, wara xi żmien, huma stiednu liż-żagħżugħ biex imur magħhom barra l-belt jixxiegħel fil-kampanja, u meta waslu

f'post imwarrab, qabżu fuqu, qatluh u difnuh hemmhekk. Meta reġgħu lejn Messina, xerrduha li kienu bagħtuh f'belt oħra biex jeħdilhom ħsieb ta' xi biċċa xogħol tagħhom, u billi mhux l-ewwel darba li huma kienu għamlu hekk, kullħadd emminhom.

Iżda meta Isabetta rat li Lorenzo tagħħa kien dam wisq, bdiet tgħaddi ljieli sħaħ titniehed u xxerred id-dmugħ, sakemm lejl wieħed il-maħbub tagħha dehrilha f'ħolma u qalilha b'kollox: kif ħutha kienu qatluh, kif kienu difnuh u fejn. Il-għada fil-għodu Isabetta bakkret tmur fuq il-post fejn il-maħbub tagħha qalilha li kien midfun, u bdiet tħaffer sakemm fl-aħħar sabitu tassew. Malli lemħitu x-xbejba inxteħtet fuqu u bdiet tibki u tolfoq kemm tiflaħ; imbagħad, wara ħafna, qamet biex tarġa' lejn id-dar, iżda ma tahiex il-qalb li titbiegħed minn fejnu u għalhekk qabel xejn, qatgħetlu rasu u qegħditha ġo maktur, biex, la darba ma setgħetx tgawdih ħaj, għallinqas iżżommu dejjem magħha mejjet, u, jekk mhux persuntu kollha, għallinqas dak is-sabiħ wiċċu. Meta waslet id-dar infexxet tolfoq sakemm qalbha ma felħitx iżjed, u mbagħad ***qiegħdet dik ir-ras ġo qasrija, tefgħet il-ħamrija fuqha u hemm żergħet mill-iktar ħxejjex li jfuħu u ħsiebha ma kienx ħaġ'oħra ħlief li ssaqqi dik il-qasrija***, sakemm fl-aħħar ħutha ħasbu ħażin u serquhielha. Mħabba f'hekk Isabetta mardet, qasmet qalbha u mietet, u hekk intemmet dik l-imsèjkna ta' mħabba.

Din in-novella ta' Boccaccio minn dejjem kienet miżmuma bħala waħda fost l-isbaħ novelli tiegħu, iżda fis-seklu li għadda meta fost il-kittieba nibtet ġibda kbira għal-leġġendi taż-żmien tan-nofs, din in-novella reġgħet sabet xortiha, għax intisġet mill-ġdid minn kittieba oħra, u mhux iżjed fi proża, iżda f'poeżija. Il-kbir poeta Ingliż John Keats (1795-1821) fi Frar tal-1818, ħaseb ifassal f'Teignmouth il-versi (ottavi) ta' "Isabella or the Pot of Basil". Keats biddel l-isem ta' Isabetta f'Isabella, u mhux biss ġarr ix-xena tal-leġġenda minn Messina għal Firenze, iżda nistgħu ngħidu wkoll illi lil-lokal tah lewn Ingliż, kif dlonk nistgħu naraw mid-deskrizzjoni tax-xmara Arno. Araw kif Keats ifisser f'dawn il-versi x'għamlet ix-xbejba bir-ras maqtugħa tal-maħbub tagħha :

> Then in a silken scarf,—sweet with the dews
> Of precious flowers plucked in Araby,
> And divine liquids come with odorous ooze
> Through the cold serpent-pipe refreshfully—
> She wrapp'd it up; *and for its tomb did choose*
> *A garden-pot, wherein she laid it by,*
> *And cover'd it with mould, and o'er it set*
> *Sweet Basil, which her tears kept ever wet.*

Din il-poeżija inkitbet hekk. Fi Frar tal-1818, Keats ftiehem ma' John Hamilton Reynolds li jiktbu t-tnejn f'poeżija xi novelli ta' Boccaccio u jgħaqqduhom fi ktieb wieħed. Keats beda minnufih, u xahrejn wara, temm l-"Isabella". Reynolds, mill-banda l-oħra, beda jaħdem f'żewġ novelli oħra, u wara l-mewt tal-ħabib tiegħu, ħariġhom fi ktieb jismu: "A garden of Florence", stampat 1821.

Lil Keats, mela, għoġbu jbiddel ix-xena tal-ħrafa, mingħajr ma biddel xejn mill-ġrajja. Iżda waqt li Keats kien qiegħed jikteb L-"Isabella", wieħed poeta Ingliż ieħor, illum ftit magħruf u nistgħu ngħidu minsi, kien qiegħed jikteb poeżija fuq dik l-istess ħrafa u l-ġrajja ta' dil-ħrafa ħallieha fi Sqallija. Dan il-kittieb huwa Barry Cornwall, u l-poeżija tiegħu, stampata fl-1820, jisimha "Sicilian Story".

Jekk narġgħu, madankollu, għan-novella ta' Boccaccio, naraw li din tagħlaq hekk. Iżda, żmien wara, meta din il-ġrajja sar jafha kullħadd, kien hemm xi ħadd li qabbel dik l-għanja li għadhom igħannu sal-lum, li hi din :

Quale fu lo mal cristiano
che mi furò la grasca...?

(Min qatt kien dak il-kiefer
li seraqli l-qasrija...?

Issa min ifittex fil-kodiċi 38, plut. 42 tal-Biblijoteka Lawrenzjana ta' Firenze, miktub għall-aħħar tas-seklu XIV, isib hemm imniżżla għanja ta' l-iskola hekk magħrufa bħala "skola sqallija", li tibda hekk :-

Questo fu lo mal cristiano
Che mi furò la resta
Del basilico mio selemontano.
Crisciut' era in gran podesta
Ed io la mi chiantai colla mia mano.
Fu lo giorno della festa
Chi guasta l'altrui cose è villania...

Din hi l-ewwel strofa, u, għalkemm Boccaccio sata' ħaseb f'din il-għanja meta semma dawk iż-żewġ versi fl-aħħar tan-novella tiegħu, nistgħu ngħidu li fil-għanja li nsibu f'dan il-kodiċi ma hemm ebda ħjiel tal-ġrajja li fuqha tkellimna għall-ewwel, jiġifieri fuq dak li kien hemm miżrugħ fil-qasrija barra mix-xitla; iżda l-istrofi l-oħra kollha jsemmu *biss* qasrija li nsterqet u xejn iżjed. Mela jew dil-lezzjoni, kif igħidu, tal-għanja mhix sħiħa, inkella Boccaccio ma ħax il-ġrajja tiegħu minn din l-għanja, iżda minn xi għanja oħra li ssemmi l-ġrajja kollha, xi għanja

jew għallinqas ħrafa li kienet tingħad fi Sqallija u li ma baqgħetx biss fi Sqallija, iżda xterdet, u kif waslet Firenze hekk ukoll mhix ħaġa kbira li wasal xi diwi tagħha saħansitra fil-gżira tagħna, għax tabilħaqq li fil-għanja maltija li ġibna fil-bidu ta' dan l-artiklu, nisimgħu bħal fil-bogħod id-diwi ta' din il-ġrajja. Jekk inhu hekk, jista' jkun li l-ġrajja (miktuba minn Boccaccio u oħrajn) u l-għanja maltija għandhom nisel wieħed: xi għanja popolari sqallija li daħlet fil-gżira fiż-Żminijiet tan-Nofs, li mhix sew sew dik li nsibu fl-Kodiċi Lawrenzjan, jew xi ħrafa sqallija. Iżda naħsbu wkoll illi jekk mill-għanja tagħna nneħħu l-aħħar vers, li għandu xeħta reliġjuża u nisranija, u niflu mhux il-fdal iżda l-għanja fil-għamla sħiħa tagħha, jekk fin-novella nħarsu mhux lejn it-tiżjin iżda lejn il-ħsieb tagħha fil-wisa', naraw li din il-ġrajja turi 'l hawn u 'l hinn fil-fantasija tagħha wisq imżewqa u mħeġġa xi lewn għarbi. Meta mbagħad inġibu quddiem għajnejna li Boccaccio ġieb in-novella tiegħu minn Sqallija u li Sqallija, bħal Gżira tagħna, damet għal ħafna żmien taħt il-Għarab, li ħallewlha bosta fdalijiet fil-ħsieb u fil-kliem tagħhom, ma narawhiex bi kbira li l-għanja popolari sqallija li semma Boccaccio u l-għanja tagħna jistgħu fil-bogħod ikollhom nisel wieħed: xi għanja jew għallinqas ħrafa għarbija mitlufa, li Boccaccio sata' żejjen u biddel 'l hawn u 'l hinn kif deherlu hu, bħalma naraw li Keats biddel xi ħwejjeġ min-novella ta' Boccaccio wkoll. Dan ngħiduh għax l-għanja sqallija li nsibu fil-Kodiċi ta' Firenze ma ssemmi xejn u xejn fuq il-ġrajja, u għalhekk Boccaccio ma setax ħa l-ġrajja tiegħu minnha. Fl-aħħarnett, imbaghad, nistgħu ngħidu wkoll illi mhux l-ewwel darba li Boccaccio ħa xi ġrajjiet min-novelli orjentali, li l-Għarab kienu ġiebu fi Sqallija mill-Persja u mill-Indja, bħalma huma n-novelli li hemm fil-ktieb "Sette Savi" li biha nqeda Geoffrey Chaucer ukoll.

Dan li għidna jista' jkun, iżda ħadd ma jista' jgħid li hu hekk. Jista' jkun ukoll li l-għanja maltija ma għandha ebda rabta mal-ġrajja li fuqha hija mibnija n-novella ta' Boccaccio, iżda l-idea, li mhi xejn komuni imma tidher miġjuba mill-bogħod, (dik li *tiżra' bniedem ġo qasrija u ssaqqih)*, narawha li tersaq wisq fil-qrib lejn l-idea ta' l-oħra fil-wisa' tagħha biex dana nistqarruh bla biża' ta' xejn.